MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54/2018

Il-Ġimgħa 26 t'Ottubru 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 53/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

54.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

54.2.3 Is-Sinjura Sandra Grech talbet li ssir korrezzjoni dwar il-minuti 53.3.2 fejn hi qalet li fl-*email* li kienet bagħtet dwar in-nuqqas ta' ndafa kienet qed tirreferi għal Marsalforn.

54.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 Is-Sindku poġġa ittra fuq il-mejda tal-kamra ndirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv u talbu jaqraha lill-Kunsilliera preżenti. Din l-ittra li qiegħda annessa mal-minuti tiġbed l-attenzjoni lill-kunsilliera sabiex iqisu sewwa l-proposti li qed jagħmlu fid-dawl tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. F'din l-ittra s-Sindku jtenni wkoll li hu ma ressaq l-ebda proposta f'dawn l-aħħar laqgħat minħabba li hu konxju u responsabbli biżżejjed li l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux li jsiru spejjeż li jistgħu jpoġġu f'riskju lill-Kunsill.

54.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva taħrika ta' xhud mill-



Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex fil-kawża tal-Pulizija kontra Peter Paul Said dwar permess ta' krejn fil-11 t'Awwissu 2018.

54.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li wara li tkellem mas-sidien tar-raba li jmiss ma' Triq ta' Ċenċ sab koperazzjoni sħiħa min-naħa tagħhom sabiex ikun jista' jinstab kompromess u titwessa' Triq ta' Ċenċ biex in-naħa tal-Ponta tkun aċċessibli għat-trasport pubbliku. Is-sidien ta' dan ir-raba jixtiequ li ssir laqgħa mal-Kunsill u mal-Ministru għal Għawdex dwar dan. Kien hemm qbil li tintbagħat email lil Ministru biex isir appuntament.

Dwar dan il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina qal li f'din il-materja ma jistax jidħol fl-ispejjeż il-Kunsill iżda l-Ministeru għal Għawdex għandu jagħmel in-negozjati mas-sidien u jagħmel ix-xogħol infrastrutturali hu wkoll. Huwa qal li fil-laqgħat tal-Kunsill għamel pressjoni kbira u kien żbaljat biex isir ix-xogħol fuq il-moll tax-Xwejni li ma kienx fir-responsabbilta' tal-Kunsill iżda tal-Ministeru għal Għawdex.

Chev Carmelo Saliba qal li din il-materja għandha tingħata mportanza għax mhux xi kapriċċ iżda wieħed mill-akbar bżonn li għandha l-lokalita', dik li tkun aċċessibli għar-residenti kollha tal-lokalita' u mhux għal parti minnhom biss. Huwa qal li hu ta' vantaġġ u pass importanti li s-sidien tar-raba ta' dawk in-naħat huma favorevoli li titwessa' din it-triq.

54.3.4 Is-Sindku ressaq talba tal-kap tal-iSkola Primarja taż-Żebbuġ sabiex bħalma sar drabi oħra, il-Kunsill jerġa' jieħu ħsieb u jiffinanzja l-borża ta' San Martin għat-tfal, wara xewqa mill-istess tfal tal-iskola. Huwa qal li s-soltu dawn il-boroż ta' San Martin jammontaw għal madwar €200. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera dwar dan.

54.3.5 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar l-ispejjeż marbuta mal-okkażżjoni tal-pussess tal-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa hekk kif miftehma waqt il-laqgħa miegħu li saret nhar il-Erbgħa 10 t'Ottubru 2018. L-ispejjeż jammontaw għal €3,360.42 li jinkludu s-servizz ta' *park and ride* minn ħdejn iċ-ċimiterju, *mobile toilets*, servizz tal-immaniġjar tat-traffiku minn Transport Malta u dwal għal waqt ir-riċeviment. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ser jilqa' lill-Arċipriet fid-daħla tal-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu mill-membri dwar dawn l-ispejjeż.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

54.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Biex titwaħħal mera fil-bidu tat-Triq Sagħtrija n-naħa ta' fuq. Kien hemm qbil dwar dan.
- Tissewwa darba għal dejjem il-ħsara fil-main tal-ilma fi Triq Ġoma. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għal darba oħra ġiet irrapurtata din il-ħsara u ntbagħtet direttament lill-inġinier inkarigat.
- Issir talba lis-sezzjoni tas-CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jitfandu t-toqob tal-ilma ta' taħt il-bankini fit-triq li tagħti għar-raħal tal-Għasri sabiex ma jżommx aktar ilmijiet u tajn fit-triq.
- Isir *patching* fi Triq is-Sagħtrija. Is-Sindku wieġeb li kulħadd jixtieq li jsir dan ix-xogħol iżda l-finanzi ma jippermettux għalissa. Is-Sindku qal li jekk isir *patching* ta' mqar toqba waħda, ser ikun hemm aktar talbiet minn aktar residenti u li tkun trid timxi ma kulħadd l-istess.
- Isir *reminder* fuq il-proposta li kien ressaq il-kunsillier Chev Carmelo Saliba lil Transport Malta biex isiru l-*factory exit signs*.
- Isir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex dwar il-periklu fi Triq ix-Xwejni biex ma jerġax isir l-istess bħalma ġara fl-istess triq u ċċedi.

54.4.2 Chev Carmelo Saliba staqsa dwar il-proġett tas-sies t'Abram u staqsa dwar f'liema stadju wasal biex jiġi evitat kull periklu għal min juża Triq iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil li tintbagħat *email* bħala *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex.

54.4.3 Chev Carmelo Saliba ġibed l-attenzjoni tal-membri u lil kull min isegwi l-laqgħa li sa issa kien hemm 44,410 *hits* fuq il-*webcam* tal-Knisja u 70,906 *hits* fuq il-*webcam* ta' Pjazza l-Assunta. Huwa qal li dal-proġett irnexxa u kien wieħed b'respons pożittiv.

54.4.4 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet suġġeriment f'isem residenta biex isir metru *double yellow line* ħdejn bieb ta' garaxx fi Trejqet l-Andar. Kien hemm qbil dwar dan.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## 54.5 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: *Tender for the Restoration of the Village Cross Monument in Pjazza l-Assunta, Iż-Żebbuġ Gozo*

54.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn 22 t'Ottubru 2018. Kien hemm offerta waħda li kienet:
Savio Bugeja €7,650.00

54.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda lil Savio Bugeja peress li kienet l-unika offerta, kienet taħt il-*budget* ippjanat għal dan il-proġett u kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

54.5.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat unanimament.

## 54.6 Milied 2018

54.6.1 Is-Sindku beda billi fakkar lill-Kunsilliera dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u saħaq l-impenn tiegħu sabiex nuru responsabilita' u għaqal fl-infieq tal-Kunsill sabiex nipruvaw ma nħallux djun għal Kunsill ta' warajna. Huwa qal li fil-passat attivitajiet marbuta mal-Milied kienu jsiru dawn li ġejjin:

- Festin għat-tfal
- Ħarġa għar-residenti f'Betlem f'Għajnsielem
- It-tiżjin fir-raħal taż-Żebbuġ
- Kompetizzjonijiet tal-presepji

54.6.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mil-membri tal-Kunsill li l-ispiża għal dawn l-attivitajiet ma taqbiżx l-€2,500.

54.6.3 Il-Kunsillier Christian Cassar għamel suġġeriment sabiex din is-sena minflok festin għat-tfal issir żjara lir-residenti ta' Arka foundation bit-*trackless train* u l-istess tfal jippreżentaw lir-residenti kartolina li jkunu għamlu huma stess. Filwaqt li l-Kunsill jippreżenta lit-tfal tifkira tal-okkażjoni ta' dan il-ġest nobbli.

54.6.4 Is-Sindku fakkar ukoll dwar iż-żjara annwali tal-President ta' Malta

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

fostna li fiha nippreżentaw il-ġabra lil MCCF f'isem ir-residenti taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn. Is-Sindku qal li għadna ma rċivejniex id-data ta' meta ser issir din iż-żjara.

54.6.5 B'rabta mal-Milied, il-Kunsill kull sena jippubblika kalendarju tas-sena li tkun ġejja. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li din is-sena l-kalendarju jsir b'lanqas spejjeż possibli u jsir b'ritratt tal-kulur wieħed fuq quddiem u bil-paġni tax-xhur taħt ir-ritratt.

54.6.6 Kien hemm qbil unanimu wkoll mill-membri tal-Kunsill li din is-sena l-ikla li kienet issir bejn il-membri tal-Kunsill ma ssirx minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

54.6.7 Wara diskussjoni fuq dawn il-punti kollha marbuta mal-Milied, kien hemm qbil li tkompli u tiġi konkluża din id-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 54.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

54.7.1 Ċirkulari AKL 2018/117 – CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku Birkirkara 10/11/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.2 Ċirkulari AKL 2018/118 – Team Up to Clean Up – Foss ta' Ħaż-Żabbar 01/12/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.3 Ċirkulari AKL 2018/119 – Laqgħa Plenarja Straordinarja 27/10/2108. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jattendu għal din il-laqgħa s-Sindku, il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba kif ukoll il-Kunsilliera Sandra Grech. Il-Kunsill ser jipprovdi t-trasport lil dawn il-membri.

54.7.4 Ċirkulari AKL 2018/120 – Protest Ġudizzjarju ta' Refab Light Blue Partnership. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.5 Ċirkulari AKL 2018/121 – Tħawwil ta' Siġar f'Għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali 15/11/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.6 Ċirkulari AKL 2018/122 – Heritage Trail. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.7 Ċirkulari AKL 2018/123 – Parking Spots in your locality for the national car sharing project. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

54.7.8 Ċirkulari AKL 2018/124 – Jum Dinji ta' Tfal. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.9 Ċirkulari AKL 2018/125 – Car Sharing Services Malta Ltd – Car2Go. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.10 Ċirkulari AKL 2018/126 – Minuti Laqgħa Plenarja 07/07/18. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.11 Ċirkulari AKL 2018/127 – Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.12 Ċirkulari AKL 2018/128 – Preżentazzjoni Laqgħa Plenarja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.13 Ċirkulari AKL 2018/129 – Playing fields magħluqa fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.14 Ċirkulari AKL 2018/130 – Laqgħa – Bus Shelters 19/11/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.15 Ċirkulari AKL 2018/131 – Laqgħa għall-applikanti u dawk li huma interessati li japplikaw għal-kors M.Sc in Governance and Management. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.16 Ċirkulari AKL 2018/132 - Ġbir tal-kontenitur tal-iskart organiku mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment dwar it-tnedija tal-*White Paper* dwar ir-riforma tal-Gvern Lokali u l-proċess ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.7.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand WasteServ Malta dwar il-ġbir tal-iskart u l-approvazzjoni tal-iskeda tal-ġbir taż-Żebbuġ fid-dawl tar-regolamenti l-ġodda tal-iskart li ser jidħlu fis-seħħ mill-31 t'Ottubru 2018. F'din il-korrispondenza l-Kunsill ġie mitlub ukoll sabiex jidentifika postijiet fejn ir-residenti m'humiex jimxu mal-iskeda sabiex isir aktar infurzar minnhom. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat il-lista ta' postijiet fejn isiru l-aktar ilmenti dwar l-iskart.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

54.7.19 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- George Borg obo Abraham's supplies – Xwejni Salt Pans – Social Event - 3 t'Awwissu 2019;
- George Borg obo Abraham's Supplies – Xwejni Salt Pans – Social Event - 10 t'Awwissu 2019.

Il-membri tal-Kumitat ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u tal-pulizija.

54.7.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Joseph Camilleri, resident miż-Żebbuġ, fejn qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jagħtix kas l-ittri anonimi mibgħuta lill-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri li jittieħed parir mid-Dipartiment dwar dan.

54.7.21 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar l-introduzzjoni tal-Proġett Sort It Out – Tqassim tal-Bins lir-Residenti, fejn intalab lill-Kunsill sabiex jidentifika post ċentrali fir-raħal sabiex isir it-tqassim ta' dawn il-bins mill-kumpanija Green Skips Group. Il-membri qablu li t-tqassim isir mill-Pjazza u jinħareġ avviż lir-residenti la darba l-Kunsill jingħata aktar informazzjoni.

54.7.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma sabiex tgħarraf lill-Kunsill li fetħu l-applikazzjonijiet għall-premju żagħżugħ tas-sena 2018. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li l-Kunsill jinnomina lis-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika Santa Marija.

54.7.23 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Jennifer Bonello fejn qed tagħmel suġġeriment sabiex għal sena oħra jerġa' jsir l-*aerobic and well being classes* fiż-Żebbuġ. Dan jikkonsisti f'għaxar sessjonijiet ta' siegħa kull sessjoni u l-Kunsill jissussidja €10 għal kull parteċipant kif ukoll €100 għal *instructor*. Kien hemm qbil unanimu mill-membri dwar dan.

54.7.24 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand Transport Malta dwar it-talba li kienet saret il-Kunsill u issa saret lil Transport Malta wkoll biex isiru metru *double yellow lines* kull naħa ma' ġenb il-garaxx ta' 'Destiny', Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill spjega lil Transport Malta li meta din it-talba ressqet quddiem il-Kunsill, dawn ma ġewx approvati sabiex ma jinħoloqx preċedent u jerġa' jiġri bħalma ġara fi Triq Skapuċċina. Transport Malta wieġbet li skont il-proċeduri u r-regolamenti tagħha dawn għandhom

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

isiru u ser tiproċedi hi bl-implimentazzjoni ta' dawn is-sinjali. Is-Sindku qal li la darba Transport Malta ser timplimenta hi dawn is-sinjali mingħajr ma tagħti kas id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tibqa' responsabbli għall-talbiet oħra li jsiru fil-futur f'din it-triq. Jekk ser ikun hemm ilmenti jew talbiet minn residenti dwar *double yellow lines* f'din it-triq għandhom jintbagħtu lil Transport Malta u Transport Malta għandha ġġor dan il-piż. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

54.7.25 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta rigward talba li saret lilhom minn resident li joqgħod fl-indirizz 75, Triq Skapuċċina, Żebbuġ sabiex jiġi estiż *double yellow line* quddiem ir-residenza tiegħu. Transport Malta ġibdet l-attenzjoni li meta tipparkja vettura f'dan l-ispazju, ikun hemm il-periklu għal min juża din it-triq minħabba li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed. Transport Malta talbet l-opinjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.
Is-Sindku spjega li rigward is-sinjali f'din it-triq kulħadd jaf il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk mhux ser jipparteċipa' fl-ebda deċiżjoni. Għalkemm id-deċiżjoni ma kinitx unanima, kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri l-oħra biex isiru l-estensjonijiet ta' dawn is-sinjali.

54.7.26 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta dwar talba li saret lilhom biex isiru *double yellow lines* fid-daħla tar-raħal fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja. Korrispondenza għall-istess sinjali saret minn residenta Victoria Sultana. Wara diskussjoni dwar dan, ġie deċiż li jsir suġġeriment lil Transport Malta biex minflok sinjali jsiru żewġ tabelli biex ma jsirx parkeġġ.

54.7.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-ERA biex tinforma lill-Kunsill li l-ġbir tal-iskart riċiklat u t-tbattil tal-bring-in sites mhux ser jibqa' jsir minnhom wara l-31 t'Ottubru 2018 u sabiex il-Kunsilli li m'għandhomx kuntratt validu għandhom joħorġu sejħa ta' konċessjoni għal dan is-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għandu kuntratt validu sal-aħħar tas-sena, iżda dan ma kienx sar permezz ta' sejħa ta' konċessjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jistenna' direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex joħroġ din is-sejħa fuq parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.
Ftit jiem wara li l-Kunsill irċieva din il-korrispondenza mingħand l-ERA, il-Kunsill irċieva *email* mingħand Green MT li ser jerġgħu joffru u jipprovdu s-servizz mit-8 t'Ottubru 2018 u jkomplu jonoraw il-kuntratt eżistenti.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

54.7.28 Ilment 54/2018 – J. Camilleri
Biex jitwaħħal *litter bin* ħdejn il-bus stop ta' Triq Għajn Mhelhel. Kien hemm qbil dwar dan.

54.7.29 Ilment 55/2018 – J.Cassar
Biex jitnaddaf l-isprall fi Triq il-Ponta quddiem ir-residenza 'Opal'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġabar kwotazzjoni mingħand Michael Refalo li tammonta għal €200 biex itella' żewġ piedi terrapien minn hemm isfel. Michael Refalo qal li x'ħin niżel fl-isprall ma setax jikkalkula eżatt kemm hemm terrapien fl-isprall u għalhekk il-kwotazzjoni ma tistax tkun eżatta. Is-Sindku qal li dan għandu jitnaddaf it-terrapien kollu sabiex ma joħloqx problemi lir-residenti jekk dan ifur. Kien hemm qbil unanimu mill-membri dwar dan.

## 54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 40/2018 tat-Tlieta 7 t'Awwissu 2018 u l-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 41/2018 tat-Tlieta 11 ta' Settembru 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 54.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 39/2018 għall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 2018 u il-25 t'Ottubru 2018 li tammonta għal €36,940.59 kienet approvata u ffirmata.

## 54.10 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 54.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu



Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 16 ta’ Novembru 2018 fil-5.15 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 16 ta’ Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| ***<u>Iffirmati</u>*** | ***<u>Iffirmati</u>*** |
| Nicky Saliba | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)